MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-26 ta' Frar, 2018

Rikors Numru 553/16/1LM

**Karl Bonaci (K.I. 194571M) u F Media (Operators) Limited (C45411)**

***vs.***

**Kummissarju tat-Taxxi**

**Il-Qorti,**

Rat it-talba għal referenza kostituzzjonali mressqa verbalment quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Karl Bonaci *et vs.* Kummissarju tat-Taxxi** (553/2016LM) fl-udjenza tat-3 ta' Frar, 2017 fejn l-avukat Robert Attard għall-atturi **Karl Bonaci** u **F Media (Operators) Limited** (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrenti"), issottometta dan li ġej:

*L-Avukat Robert Attard għall-atturi jitlob referenza kostituzzjonali ai termini tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta stante illi l-qafas legali, azzjonijiet, ommissjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi illi kkrea t-titolu eżekuttiv suġġett għal*

*din il-vertenza kif ukoll iż-żamma in vigore tiegħu huma leżivi ta' drittijiet tal-atturi hekk kif protetti fl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-leżjonijiet lanjati huma kawżati mill-fatt illi b'mod illi mhuwiex konsonu mas-suċċitati artikoli nħarġu kontra l-atturi miżuri punittivi b'mod irregolari.*

Rat d-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħti fis-7 ta' Frar, 2017, li jaqra kif ġej:

Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta' Frar, 2017 fejn l-avukat difensur tal-attur talab illi ssir referenza kostituzzjonali *ai termini* tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta stante li l-qafas legali, azzjonijiet u ommissjonijiet tal-konvenut Kummissarju tat-Taxxi illi kkrea t-titolu eżekuttiv suġġett għal din il-vertenza kif ukoll iż-żamma in vigore tiegħu huma leżivi ta' drtittijiet tal-atturi hekk kif protetti fl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea peress li l-leżjonijiet lanjati huma kawżati mill-fatt illi b'mod illi mhuwiex konsonu mas-suċċitati artikoli nħarġu kontra l-atturi miżuri punittivi b'mod irregolari. Il-Qorti tidderiġi lill-atturi sabiex jippreżentaw nota dwar it-talba biex issir referenza kostituzzjonali fi żmien tletin (30) ġurnata bin-notifika lill-kontro-parti li qed jingħata żmien ta' tletin ġurnata sabiex jippreżenta n-nota responsiva tiegħu.

Rat in-nota tar-rikorrenti **Karl Bonaci *pro et noe*** li ġiet ippreżentata fl-20 ta' Frar, 2017, li tgħid kif ġej:

*Illi fis-seduta tat-3 ta' Frar, 2017 permezz tal-avukat tiegħu l-esponent għamel talba bil-fomm għal referenza kostituzzjonali kif previst fl-artikolu 46 (3).*

*Illi tressqu provi illi nħareġ versu l-esponenti titolu eżekuttiv taħt l-artikolu 59 tal-Kapitolu 406 u illi tali titolu eżekuttiv kien jikkomprendi mgħax b'rata għolja tant illi tassumi n-natura ta' miżura punittiva (b'kuntrast għal sempliċi kumpensazzjoni għall-ħlas tardiv).*

*Illi l-imsemmi titolu eżekuttiv komprendenti miżura punittiva fil-forma ta' imgħax għoli nħareġ mingħajr l-esponent ma ngħata smigħ. L-imsemmi titolu eżekuttiv*

*komprendenti penali ħareġ b'mod awtomatizzat. Illi, sopra corna bastonate, tali titolu eżekuttiv inżamm in vigore anke wara illi tresqet prova illi l-ammont vantat kellu jiġi ridott.*

*Fl-umli fehma tal-esponent:*

*(A) L-imgħax punittiv għandu jitqies bħalha 'criminal charge' kopert mill-garanziji kollha tad-dritt għal smigħ xieraq. Tali mgħax punittiv ma kellux joħroġ fl-assenza ta' smigħ;*

*(B) Bħala l-qafas legali illi jippermetti l-fenomenu lanjat, l-artikolu 59 tal-Kap. 406 jikser kemm id-dritt tal-proprjetà kif protett fl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll illi hemm mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-artikolu 6 tal-imsemmija Konvenzjoni (smigħ xieraq);*

*(Ċ) Bħala l-qafas legali illi jippermetti l-fenomenu lanjat l-artikolu 59 tal-Kap. 406 jikser is-drittijiet għal proprjetà u smigħ xieraq protetti fl-artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*(D) Meta l-Kummissarju ħareġ it-titolu eżekuttiv komprendenti miżuri punittivi mingħajr ma kkonċeda d-dritt għal smigħ xieraq, l-Kummissarju kiser kemm id-dritt tal-proprjetà tal-esponent kif protett fl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll illi hemm mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-artikolu 6 tal-insemmija Konvenzjoni kif ukoll l-artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*(E) Biż-żamma in vigore tat-titolu eżekuttiv komprendenti miżuri punittivi l-Kummissarju kiser kemm id-dritt tal-propjetà tal-esponent kif protett fl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll illi hemm mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-artikolu 6 tal-insemmija Konvenzjoni kif ukoll l-artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

Rat in-Nota Responsiva tal-**Kummissarju tat-Taxxi** (minn issa 'l quddiem "l-Kummissarju intimat") li ġiet ippreżentata fis-27 ta' Frar, 2017, li biha eċċepixxa:

*Illi tali risposta qiegħda titressaq in ottemperanza tad-digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti nhar is-7 ta' Frar tas-sena 2017, u dan wara li r-rikorrenti f'din il-kawża ressqu talba sabiex issir Referenza Kostituzzjonali, kif maħsub fl-artikolu 43(3) tal-Kostituzzjoni, stante li skont huma, l-penali amministrattiva li l-leġislatur impona fl-artikolu 59 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta bħala kumpens pekunjarju għal nuqqas ta' ħlas ta' taxxa dovuta minn individwi, jew minn*

*kumpanniji, hi tant oneruża li għandha n-natura ta' criminal charge, u bħala tali għandha tkun koperta mill-jedd għall-smigħ xieraq kif protett bil-Kostituzzjoni ta' Malta u bil-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Illi b'hekk din l-Onorabbli Qorti qiegħda tiġi mitluba sabiex tiddetermina jekk il-proċedura stabbilita fl-artikolu 59 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta tiksirx il-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti, jew le.*

*Illi, fl-ewwel lok u in linea preliminari, ir-rikorrenti għandhom jindikaw liema aspetti tal-proċedura stabbilita bis-saħħa tal-artikolu 59 tal-Kapitolu 406 hi allegatament leżiva tal-jeddijiet fundamentali tagħhom, u dan riferibbilment għal-lanjanza mressqa minnhom li l-imgħax punittiv għandu jitqies bħala criminal charge u mhux bħala penali amministrattiva li hu t-terminu użat mil-leġislatur fl-artikolu li qiegħed jiġi kkontestat. Dan qiegħed jingħad minħabba li l-artikolu 59 tal-liġi li r-rikorrenti qegħdin jittentaw jimpunjaw, jipprovdi għal sitwazzjoni fejn individwu, jew kumpannija, li tintalab tħallas penali amministrattiva bħal din, tkun tista' ġġib prova kuntrarja għall-pretensjoni tal-Kummissarju intimat fit-terminu prefiss mil-liġi, xi ħaġa, din, li r-rikorrenti naqsu milli jagħmlu, jew għamluha meta t-terminu prefiss mil-liġi kien diġà għadda.*

*Illi fit-tieni lok u preliminarjament ukoll, din il-Qorti għandha tastjeni milli tisma' dan il-każ, ai termini tal-proviso tal-artikolu 40 tal-Kostituzzjoni, stante li għat-talba tar-rikorrenti jeżistu rimedji ordinarji effettivi – il-liġi teżiġi li r-rimedju ordinarju disponibbli għandu jkun wieħed effettiv u wieħed li jeżisti. Irid jingħad ukoll illi r-rikorrenti għad għandhom rimedju ieħor għad-disposizzjoni tagħhom, u ċjoè l-appell fit-tmiem il-proċeduri quddiem il-Prim' Awla, u għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni għat-talba li saritilha għal referenza kostituzzjonali, almenu sakemm ir-rimedji ordinarji disponibbli għar-rikorrenti jiġu eżawriti kollha.*

*Illi preliminarjament ukoll, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, din l-azzjoni hija waħda intempestiva għall-istess raġuni spjegata qabel.*

*Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati, stante illi ma ġie leż ebda dritt tagħhom u l-artikolu tal-liġi li huma qegħdin jattakkaw huwa pjenament konformi mal-Kostituzzjoni ta' Malta u mal-ispirtu leġislattiv tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-proċedura kkontemplata fl-artikolu 59 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta mhix leżiva għall-jedd tas-smigħ xieraq inkwantu l-istess artikolu jagħti opportunità lil min jirċievi l-avviż illi jopponi għall-ammonti dovuti ai termini tal-istess avviż, qabel dan l-avviż jikkostitwixxi titolu eżekuttiv, xi ħaġa li jidher li r-rikorrenti naqsu li jagħmlu fit-terminu impost mil-liġi. F'dan l-istadju l-esponent iħoss li jkun ta' siwi li jissellef*

*minn dak li stabbiliet din l-istess Onorabbli Qorti f'sentenza mogħtija nhar il-25 ta' Jannar, 2016, fl-ismijiet Mohan Michael Bharwani et vs. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, fejn din l-Onorabbi Qorti stabbiliet illi, "Ċertament ma nkisrilhomx il-jedd ta' smigħ ġust billi r-rikorrenti kellhom kull opportunità biex iqajmu l-oġġezzjonijiet tagħhom saħansitra permezz ta' appell. Il-jedd għal smigħ xieraq huwa l-jedd li tingħata l-opportunità għal smigħ xieraq, u mhux dan bilfors attwalment ikun ingħata. Jekk l-opportunità tkun ingħatat imma ma tiġix sfruttata, imputet sibi." Ladarba d-dispost tal-liġi jipprovdi għal rimedju effettiv konsistenti f'aċċess għal qorti jew tribunal imparzjali li jista' jagħti rimedju li jkun aċċessibbli, xieraq, effettiv, u adegwat biex jindirizza l-allegat ksur, m'hemmx lok għal ilment kostituzzjonali ta' din ix-xorta.*

*Illi s-sistema ta' imposizzjoni ta' penali amministrattiva hija waħda li tinkwadra ruħha perfettament mal-ispirtu tal-liġi u bl-ebda mod ma ċċaħħad lil ħadd mill-godiment ta' xi jedd fundamentali li jista' jkollu, partikolarment il-jedd għad-tgawdija tal-proprjetà ta' individwu, li qegħdin jilmentaw minnha r-rikorrenti. Din l-Onorabbli Qorti għandha tikkunsidra l-fatt li r-rimedji ordinarji tar-rikorrenti għadhom veljanti. Individwu li jirċievi notifika taħt l-artikolu 59 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta għandu jeżawrixxi r-rimedju ordinarju effettiv li ttih il-liġi fit-terminu li tipprefiġġi l-liġi, u mhux jonqas li jġib tali prova li tista' isservi biex hu joġġezzjona b'mod effettiv għat-talbiet tal-Kummissarju tat-Taxxi, u sussegwentement jipproċedi b'talba għal referenza kostituzzjonali sabiex jattakka l-istess artikolu tal-liġi li bis-saħħa tiegħu seta' oġġezzjona għall-penali amministrattiva imposta fuqu.*

*Salvi eċċezzjonijeit ulterjuri.*

Rat l-Ordni ta' Referenza mogħtija fis-7 ta' April, 2017, fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qieset li t-talba għal referenza kostituzzjonali ma kinitx frivola u vessatorja u laqgħet it-talba għal referenza kostituzzjonali fis-sens li għandu jiġi stabbilit mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) jekk il-qafas legali, azzjonijiet u ommissjonijiet tal-konvenut Kummissarju tat-Taxxi illi ikkreaw it-titolu eżekuttiv suġġett għal din il-vertenza kif ukoll iż-żamma *in vigore* tiegħu humiex leżivi ta' drittijiet tal-atturi kif protetti fl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u jekk b'mod li

mhuwiex konsonu mas-suċċitati artikoli, inħarġux kontra l-atturi miżuri punittivi b'mod irrregolari.

Rat ir-Risposta tal-**Avukat Ġenerali** u tal-**Kummissarju tat-Taxxi** (minn issa 'l quddiem "l-intimati"), li ġiet ippreżentata fil-31 ta' Mejju, 2017 fejn ġie sottomess is-segwenti:

1. *Illi din ir-risposta qiegħdha titressaq wara li din l-Onorabbli Qorti laqgħet talba tar-rikorrenti sabiex issir referenza kostituzzjonali u dan ai termini tad-digriet mogħti waqt is-seduta tas-7 ta' April, 2017.*

2. *Illi din ir-referenza kostituzzjonali tirrigwarda l-proċedura li ġiet adottata mill-Kummissarju intimat sabiex jottjeni titolu eżekuttiv u li din il-proċedura hija allegatament leżiva tad-dritt tar-rikorrent ai termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni Ewropea.*

3. *Illi l-esponenti jirrespinġu dawn l-allegazzjonijiet bħala infondati fil-fatt u fid-dritt peress li, kif ser jiġi spjegat aktar 'l isfel, l-ebda aġir tal-esponenti ma kiser jew illeda xi dritt fundamentali tar-rikorrenti anzi imxew b'reqqa ma' dak li tistipula l-liġi.*

4. *Illi bħala fatti jirriżulta li l-Kummissarju intimat l-ewwel bagħat nota ta' talba għall-ħlas lir-rikorrenti u disa' xhur wara, meta numru ta' denunzji baqgħu mhux sottomessi u l-pagament mitlub skont dan l-avviż u n-nota ta' talba għall-ħlas baqgħu ma sarux, l-esponent ma kellux triq oħra għajr li jipproċedi bl-ittra ġudizzjarja datata 24 ta' Ġunju, 2016 sabiex ir-rikorrenti iħallsu, fiż-żmien jumejn min-notifika, s-somma ta' €138,943.36 rappreżentanti l-ammont dovut mir-rikorrent bħala taxxa fuq il-valur miżjud u dan sar kollu ai termini tal-artikolu 59 tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta. L-artikolu 59 (1)(2) jgħid is-segwenti:*

    (1) *Avviż maħruġ mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna għandu jkun xiehda biżżejjed, kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv*

*fil-kuntest u għall-għanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*(2) Il-Kummissarju jista' jitlob il-ħlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva li għandha titħallas minn persuna skont dan l-Att bil-mezz ta' nota ta' talba għall-ħlas, u jekk il-ħlas mitlub ma jsirx fi żmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba għall-ħlas tkun ġiet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista' jgħaddi biex jiġbor dak il-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta' talba għall-ħlas li ssir permezz ta' att ġudizzjarju. Meta jiskadi l-perjodu ta' jumejn imsemmi f'dan is-subartikolu, il-Kummissarju jkollu dritt li jirreġistra fir-Reġistru Pubbliku jew fir-Reġistru tal-Artijiet, skont il-każ, nota ta' privileġġ għall-ammont mitlub fl-att ġudizzjarju u dik in-nota ta' privileġġ tista' tiġi reġistrata minn kull avukat jew nutar.*

5. *Illi dan l-artikolu jistabbilixxi b'mod ċar u inekwivoku l-proċedura li għandha tiġi adottata mill-Kummissarju intimat meta hu jitlob il-ħlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva. L-esponenti jisħqu li fil-każ in diżamina il-Kummissarju intimat segwa u aġixxa korrettement u skrupolożament ma' din l-proċedura u għalhekk huwa inspjegabbli kif ir-rikorrent talab referenza kostituzzjonali dwar dan.*

6. *Illi stranament fir-rikors promotur issir referenza għall-artikolu 82 tal-Kap 406 u li dan huwa allegatament leżiv tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Però l-esponenti jisħqu li l-artikolu 82 m'huwiex applikabbli għall-każ in diżamina stante li jittratta każijiet fejn ikun hemm reati kriminali. Il-proċedura adottata mill-Kummissarju intimat fil-kawża odjerna hija dik li nsibu fl-artikolu 59 tal-Kap 406 u ċjoè il-proċedura ċivili. Għalhekk huwa inspjegabbli kif ir-rikorrenti għamlu referenza għal-artikolu 82 li m'għandu x'jaqsam xejn mal-proċeduri odjerni.*

7. *Illi l-esponenti jiċħdu bil-qawwa kollha l-allegazzjoni tar-rikorrenti li huma ma ġewx notifikati bid-demand notices. Fil-fatt, kif ser jirriżulta mil-provi, l-Kummissarju intimat ħareġ żewġ demand notices waħda lil F Media Operators u l-oħra lil Karl Bonaci f'erbgħa indirizzi differenti u għall-erbgħa li huma kien hemm notifika pożittiva. Saħansitra r-rikorrent Karl Bonaci ġie notifikat hu personalment bit-talba għall-ħlas fl-14 ta' Settembru, 2015 fejn din ġiet iffirmata personalment minnu u niżżel ukoll in-numru tal-karta tal-identità tiegħu (194571M). Jirriżulta wkoll li l-kumpannija ġiet notifikata fil-11 ta' Settembru, 2015 fl-indirizz li Karl Bonaci kien indika bħala "Indirizz Postali" fl-appliklazzjoni għan-numru tal-VAT tal-istess kumpannija. Marbut ma' dan jingħad ukoll li l-artikolu 66 (3) tal-Kap 406 joħloq preżunzjoni li meta direttur*

*ta' kumpannja ikun notifikat b'avviż ta' ħlas jitqies li anke l-kumpannija li hu jirrappreżenta hija notifikata.*

8. *Illi jekk ir-rikorrenti riedu jikkontestaw l-ammont dovut huma setgħu dejjem jintavolw appell fit-Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva, hekk kif fil-fatt ġjà għamlu meta fil-15 ta' Frar, 2011 il-kumpannija F Media (Operators) Ltd appellat kontra penali amministrativi u mgħax impost mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Dan l-appell ġie intavolat quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud [Appell Numru 27/11], u ġie rtirat mill-kumpannija appellanti stess fit-13 ta' Jannar, 2012. Ma hemm l-ebda dubju li l-proċedura adottata tiggarantixxi s-smigħ xieraq.*

9. *Illi ġaladarba il-Kummissarju intimat kien sodisfatt li n-notifika tan-nota ta' talba għall-ħlas saret, u ġialadarba ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni fuq l-istess nota, kien għalhekk pjenament ġustifikat li jipproċedi skond l-artikolu tal-liġi imsemmija preċedentement. Ir-rikorrenti kellhom kull opportunità li ttihom il-liġi biex jikkontestaw l-ammont mitlub u b'hekk jiġi li l-Kummissarju intimat ma kiser l-ebda dritt fundamentali tar-rikorrenti.*

10. *Illi t-taxxa ma hijiex tal-persuna li tiġborha iżda tappartjeni lill-erarju pubbliku u min ma jgħaddihiex fil-ħin lill-Kummissarju intimat ikun qiegħed jikkommetti reat fil-konfront tal-Amministrazzjoni Pubblika u ovvjament jesponi ruħu għal proċeduri kriminali u ċivili kontrih. Huma dejjem ir-rappreżentanti tal-kumpannija illi jkollhom iħallsu għan-nuqqasijiet li jkunu wettqu f'isem il-kumpannija. Fil-fehma tal-esponenti, l-artikolu 66 qiegħed hemm biex jiġi lifted the corporate veil u min hu dovut iħallas it-taxxa li fir-realtà jkun ġjà ġabar, jgħaddiha ll-Kummissajru intimat. Fin-nuqqas li jagħmel dan, isib is-saħħa tal-liġi li ma tħalliehx jaħrab mill-obbligi morali, etiċi u fiskali tiegħu.*

11. *Illi meta l-Kummissarju intimat ikun iffaċċjat b'sitwazzjoni fejn persuna jew kumpannija, għal xi raġuni jew oħra, ma tridx tħallas it-taxxa dovuta, hu ser ikollu jirrikorri għall-għodda li tatieh il-liġi sabiex jiżgura dik t-taxxa titħallas. Kif ġie spjegat preċedentement, il-proċedura adottata hija waħda leġittima u regolata bil-liġi u li l-għan aħħari tagħha hu li tassigura li dak li huwa dovut lill-erarju pubbliku jiġi osservat. Għalhekk żgur li fil-każ odjern il-proċedura adottata la hija waħda punittiva u wisq inqas ma hija irregolari kif erronjament qed jallegaw ir-rikorrenti.*

12. *Illi dwar l-artikoli Konvenzjonali ċitati f'din ir-referenza jiġi rilevat li l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi li s-smigħ għandu jkun pubbliku u għandu jkun quddiem tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'liġi. Illi minn dawn l-*

*elementi kollha msemmija, ir-rikorrenti lanqas element wieħed ma jelenka jew jilmenta minnu. Illi huwa stabbilit anke f'ġurisprudenza konsistenti, li biex tinsab leżjoni tas-smigħ xieraq huwa meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fil-kumpless kollu tiegħu. Bħala regola, meta wieħed japprezza jekk proċeduri humiex xierqa jew le, wieħed m'għandux iħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali li jokkorru imma lejn jekk fl-assjem tagħhom, il-proċeduri kinux jew le kondotti b'ġustizzja fis-sostanza u fl-apparenza (ara* ***Perit Joseph Mallia vs. Onor. Prim Ministru et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Marzu, 1996). L-esponenti jirrilevaw illi ma sar xejn matul il-proċeduri relattivi għar-rikorrenti li b'xi mod seta' jinċidi fuq id-dritt tar-rikorrenti ta' proċess ġust u wisq inqas saret xi influwenza lil min kellu jiġġudika.*

13. *Illi fl-ebda ħin u fl-ebda mument ir-rikorrenti ma ġew trattati b'mod differenti u lanqas ma jirriżulta li ġew mċaħħda minn xi dritt li meta wieħed iħares lejn il-proċeduri fit-totalità tagħhom jista' jikkonkludi li ma kienx hemm a fair hearing. Anzi, jirriżulta li l-partijiet kellhom aċċess ugwali għall-Qorti, saru n-notifiki kollha meħtieġa u kull parti kellha l-opportunità li twieġeb. Jekk ir-rikorrent naqas milli jwieġeb dan kienet unikament għażla tiegħu però bħala fatt d-dritt li jwieġeb/jikkontesta ingħata.*

14. *Illi għalhekk m'hemm l-ebda ksur tal-artikolu 6.*

15. *Illi rigward l-allegazzjoni li kien hemm ksur tad-dritt ta' tgawdija ta' proprjetà, l-esponenti jissotomettu li l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll jipprovdi li jista' jkun hemm interferenza f'dan id-dritt fl-interess pubbliku. Illi dan l-artikolu ma jipproteġġiex d-dritt tal-godimenti paċifiku tal-possedimenti jew proprjetà mingħajr restrizzjoni ta' xejn. Fil-fatt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jelenka r-restrizzjonijiet għal dan id-dritt. Il-Kummissarju intimat huwa imwaqqaf bil-liġi proprju sabiex jaċċerta ruħu u jiggarantixxi li dak li huwa dovut lil Gvern ta' Malta bħala taxxa fuq il-Valur Miżjud jiġi imħallas u għal dan il-għan hemm il-Kap 406 u l-leġislazzjonijiet kollha li jaqgħu taħtu. Bħala fatt jirriżulta li r-rikorrenti għandhom iħallsu ammont ta' flus bħala taxxa fuq il-valur miżjud u għalhekk il-fatt li l-intimat qed ifittex lir-rikorrenti sabiex iħallsu dak li huwa dovut minnhom ma jikkostitwixxi l-ebda ksur tad-dritt ta' tgawdija paċifika ta' proprjetà.*

16. *Illi għalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.*
17. *Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.*

18. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

19. *Bl-ispejjeż.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti u d-dokumenti ppreżentati fl-atti tal-kawża Rikors Maħluf Nru 553/2016LM.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet f'dawn il-proċeduri u fl-atti tal-kawża Rikors Maħluf Nru 553/2016LM.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta' Ottubru, 2017 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Ir-rikorrenti bħala provi ppreżentaw nota[1] fejn iddikjaraw li qed jagħmlu referenza għall-provi kollha, xhieda u dokumenti miġbura fil-proċeduri fejn saret ir-referenza kostituzzjonali (Rikors Maħluf Nru 553/16LM) u għall-

[1] *A fol.* 10 tal-proċess Nru 553/16/1LM u *a fol.* 55 tal-proċess Nru 553/16LM.

*affidavit* tar-rikorrent Karl Bonaci ppreżentat fl-atti ta' dawn il-proċeduri (553/16/1 LM).

Ir-rikorrent **Karl Bonaci** ppreżenta *affidavit*[2] fil-kapaċità tiegħu ta' *managing director* tas-soċjetà rikorrenti u annetta miegħu kopja tal-ittra uffiċjali li rċieva mill-intimat indirizzata lilu personalment u anki in rappreżentanza tas-soċjetà rikorrenti datata 24 ta' Ġunju, 2016, li ntbagħtet *ai termini* tal-artikolu 59 tal-Kapitolu 406 sabiex jiġi reż eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-Kummissarju tat-Taxxi għandu kontra r-rikorrenti *pro et noe* fis-somma ta' €138,943.36 rappreżentanti ammont dovut lilu bħala taxxa fuq il-valur miżjud. Flimkien mal-*affidavit* tiegħu r-rikorrent ippreżenta *statement of taxpayer's account* datat 4 ta' Settembru, 2015 maħruġ mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud lis-soċjetà rikorrenti F Media Operations Limited għall-bilanċ ta' €138,943.36.[3] Ir-rikorrent jgħid li s-soċjetà rikorrenti tuża lis-soċjetà WDM International Ltd biex iżżomm il-kotba tas-soċjetà rikorrenti u milli jirriżultalu mir-*records* tas-soċjetà rikorrenti, l-ammont mitlub mhux dovut. Karl Bonaci jgħid li skont ir-rendikont tad-Dipartiment stess, esebit minnu, li jirreferi għall-bilanċ dovut sal-4 ta' Settembru, 2015, l-ammont ta' €125,920 huma estimi.[4] Ir-rikorrent jgħid li d-denunzji tat-taxxa għall-perijodu 01.12.2011 sat-28.02.2014 effettivament ġew sottomessi fil-25 ta' Mejju, 2016 iżda ma jaqblux mal-istimi tad-Dipartiment u għalkemm ma kinux għadhom ġew sottomessi d-denunzji għall-perijodu 01.03.2014 sal-31.05.2015, iċ-ċifri fuq ir-rendikont tad-Dipartiment għal dawn il-perijodi wkoll jidhru li huma stimi u mhux ċifri attwali. Ir-rikorrent jgħid ukoll li l-VAT *refunds* dovuta lis-soċjetà

---

[2] *A fol.* 22 tal-proċess nru 553/16LM.

[3] *A fol.* 23 sa 25 tal-proċess nru 553/16LM.

[4] Dan l-i*statement* huwa għall-perijodu mill-01.03.2009 sal-01.03.2015 - "*balance due to the department as at 04.09.2016"* u jagħmel riferiment għat-taxxa dovuta mill-01.12.2011 sa 01.03.2015 ta' €125,920, imgħax għall-istess perijodu ta' €12,523.36 u penali għall-perijodu mill-01.03.2009 sa 01.03.2011 ta' €50 fix-xahar għal total ta' €500. It-total komplessiv tal-i*statement* huwa ta' €138,943.36.

rikorrenti għas-snin fejn saru d-denunzji, ma ġewx imnaqqsa mid-Dipariment mit-taxxa pagabbli mis-soċjetà rikorrenti. Karl Bonaci jgħid li sa fejn jaf hu qatt ma rċieva xi *"formal assessment"* mid-Dipartiment tal-VAT rigwardanti l-ammonti inkwistjoni.

Xehed ukoll permezz ta' *affidavit* **Dunstan Magro**[5]**,** *managing director* ta' WDM International Ltd, l-*accountants* tas-soċjetà rikorrenti. Ix-xhud jikkonferma li l-ammont ta' €138,943.36 ma kienx dovut bħala VAT mis-soċjetà rikorrenti u li dan l-ammont kien ibbażat fuq l-i*statement of taxpayer's account*[6] maħruġ mid-Dipartiment, bis-somma ta' €125,920 li kienet ibbażata fuq stima. Ix-xhud jikkonkludi li r-rikorrent ma pprovda ebda dokumentazzjoni li turi li nħareġ xi *"formal assessment"* mid-Dipartiment tal-VAT.

Xehdu wkoll fil-proċeduri nru 553/16LM, Joseph Attard[7] u Clayton Tabone[8], rappreżentanti tal-intimat, biex jispjegaw l-ammont pretiż u l-proċedura segwita għall-ħruġ tal-penali amministrattivi. **Joseph Attard** ikkonferma li s-somma ta' €138,943.36, kienet tinkludi s-somma ta' €125,920 bħala taxxa dovuta, €12,523.36 bħala imgħax u €500 bħala penali. Ix-xhud spjega li t-taxxa dovuta tista' tkun taxxa dikjarata jew *estimated tax* u f'dan il-każ kienet kollha *estimated tax* minħabba li Karl Bonaci ma kienx bagħat id-denunzji. Il-penali u l-imgħax inħadmu fuq dawk l-estimi. Ix-xhud jgħid li wara li ħarġet id-*demand notice,* kienu saru d-denunzji mis-soċjetà rikorrenti għall-perijodu bejn il-01.12.2011 sat-28.02.2013 iżda mhux għall-perjodu bejn l-01.03.2014 u 31.05.2015. Għal din ir-raġuni l-i*statement of taxpayer's account* datat 4 ta' Settembru, 2015 ġie sostitwit bl-i*statement of taxpayer's account* datat 28 ta'

[5] *A fol.* 26 tal-proċess nru 553/16LM.
[6] *A fol.* 28 tal-proċess nru 553/16LM.
[7] *A fol.* 34 sa 39 tal-proċess nru 553/16LM.
[8] *A fol.* 43 sa 45 tal-proċess nru 553/16LM.

Ottubru, 2016[9], fejn spjega li t-taxxa denunzjata mis-soċjetà rikorrenti ġiet imnaqqsa mill-*estimated tax* kif kienet ġiet ikkalkolata fl-i*statement* preċedenti u għalhekk fadal issa s-somma ta' €65,555.03 bħala *estimated tax* għall-perijodu fejn is-soċjetà rikorrenti ma għamlitx denunzji[10] u l-imgħax fuq l-imsemmija somma jammonta għal €7,637.41 u l-penali għal €250.[11] Ix-xhud jgħid li l-bilanċ reklamat mill-intimat fid-data tat-28 ta' Ottubru, 2016 kien jammonta €73,442.44 u dan l-i*statement* kien ġie kkomunikat lir-rikorrent. Ix-xhud jgħid li kulma kellu jagħmel ir-rikorrent kien li jippreżenta d-denunzji li kien fadal. Ix-xhud jgħid li r-rikorrent kellu japplika għal *remission* tal-ammont stmat mid-Dipartiment u l-imgħax fuq dak il-bilanċ biex dan jitnaqqas għall-ammont li kien fadallu effettivament jiddikjara u l-imgħax fuqu, peress li kien beħsiebu jiddikjara dak li daħħal u jħallas skont l-ammont dikjarat. Ix-xhud jgħid li flok ma għamel dan, ir-rikorrent istitwixxa din il-kawża. Kwantu għall-kalkolu tal-penali amministrattiva skont il-liġi, ix-xhud jispjega li l-penali kienet ta' 1% għal denunzji tardivi sa massimu ta' €250, u f'każ li tkun inqas, il-penali ma tistax taqbeż l-ekwivalenti tat-taxxa pendenti sa minimu ta' €50. Dwar l-imgħax ix-xhud spjega li sa Diċembru 2008 dan kien ta' 1%, filwaqt li minn Jannar 2009 l-imgħax kien ta' 0.75% u f'Jannar 2014 dan kien ta' 0.5%.

**Clayton Tabone** spjega li huwa kien VAT *Inspector* u xogħlu kien ta' *debt collector* mad-Dipartiment tal-VAT. Ix-xhud spjega li d-*demand notice* li esebixxa Joseph Attard tinħadem mill-kompjuter awtomatikament minħabba li ma tkunx saret denunzja. Spjega li l-imgħax ta' 1%, 0.75% u 0.5% kienet ta' kull xahar u mhux ta' kull sena.

---

[9] *A fol.* 41 tal-proċess nru 553/16LM.

[10] Minn dan id-dokument jirriżulta li kien għad fadal l-kumplament l-*estimated tax* għall-perijodi fejn ma saritx denunzja mis-soċjetà rikorrenti mill-01.03.2014 sa 31.05.2015, iżda tinkludi wkoll is-somma ta' €750.03 għall-perijodu 01.09.2013 sa 28.02.2014.

[11] Il-penali hija għar-rigward tal-perijodu tal-01.09.2013 sa 28.02.2014.

Fl-atti ta' dawn il-proċeduri ġie ppreżentat *affidavit* tar-rikorrent **Karl Bonaci**[12] fejn spjega li hu rċieva ittra uffiċjali mid-Dipartiment tal-VAT li fiha ħafna mgħax b'rata għolja u ma jistax jifhem kif għafsuh daqshekk. Ix-xhud jgħid li ġie spjegat lilu li d-dokument li rċieva għandu saħħa ta' sentenza, però hu qatt ma deher quddiem Tribunal jew Qorti dwar l-imgħax. Karl Bonaci jgħid li minkejja li l-uffiċjali tad-Dipartiment tal-VAT xehdu li l-ammont dovut illum hu inqas, xorta ma rtirawx l-ittra uffiċjali. Ir-rikorrent ikompli jgħid li l-każ tiegħu hu partikolari u għandhom jinħafru l-imgħaxijiet. Ir-rikorrent jgħid li qabel ma nħariġlu il-kont, mid-Dipartiment qatt ma bagħtu għalih biex jispjegalhom għaliex għandhom jinħafrulu l-imgħax u l-penali. Karl Bonaci jgħid li kieku tawh l-opportunità li jidher quddiemhom jew quddiem Tribunal jew Qorti, kien ikollu l-opportunità li jispjega li n-negozju tiegħu hu fis-settur tat-televiżjoni u minħabba li nbiddlu l-*goalposts* tas-settur, sab ruħu f'diffikultajiet finanzjarji kemm minħabba l-investiment qawwi li kienu għamlu fin-negozji tal-familja, kemm minħabba li l-klijenti jdumu ma jħallsuhom u kemm minħabba li snin ilu kienu qegħdin irabbu tifel u wara li ħaduhulhom, tilfu ukoll ħafna flus.

Min-naħa tal-intimati ġie esebit *affidavit* ta' **Joseph Attard**[13], li kien diġà xehed fil-proċeduri preċedenti in subizzjoni. Joseph Attard, Manager (Sezzjoni Ġbir) fid-Dipartiment tal-VAT, qal li l-ammont dovut mis-soċjetà rikorrenti fid-data ta' meta kien qiegħed jixhed kien ta' €93,942.84[14] inkluż imgħax u penali amministrattivi, u dan minħabba n-nuqqas tar-rikorrent li jissottometti denunzji. Ix-xhud jispjega li effettivament kienu ntbagħtu Avviżi u Nota ta'

---

[12] *A fol.* 11 u 12 tal-proċess nru 553/16/1LM.
[13] *A fol.* 23 sa 26 tal-proċess nru 553/16/1LM.
[14] Ara *statement of taxpayer's account* datat 23 ta' Ġunju, 2017, *a fol.* 27 tal-proċess nru 553/16/1LM li jinkludi bħala taxxa dovuta s-somma ta' €81.834.93, bħala imgħax is-somma ta' €11,807.91 u bħala penali amministrattivi s-somma ta' €300. L-ammont ta' taxxa żdied mill-i*statement* preċedenti peress li frattemp leħqu ddekorew perijodi oħra fejn is-soċjetà ma għamlitx denunzja.

Talba għall-Ħlas għas-somma oriġinali ta' €138,943.36 kemm lis-soċjetà rikorrenti u anki lid-direttur tagħha, ir-rikorrent odjern, fil-każ tas-soċjetà rikorrenti kemm fl-indirizz li r-rikorrent kien indika bħala l-indirizz postali tagħha meta għamel ir-reġistrazzjoni tas-soċjetà rikorrenti mad-Dipartiment tal-VAT[15] u kemm fl-uffiċċju reġistrat tas-soċjetà rikorrenti mal-MFSA.[16] Ir-rikorrent ġie notifikat kemm fl-indirizz personali tiegħu kif jirriżulta mill-karta tal-identità tiegħu[17] u kemm fl-indirizz tiegħu personali reġistrat mal-MFSA bħala direttur.[18] Ix-xhud jispjega li skont l-artikolu 73(3) tal-Kap. 406, avviż ikun meqjus li ġie indirizzat sew kemm jekk jiġi mibgħut fl-indirizz tan-negozju, kemm jekk fl-indirizz privat tal-persuna. F'dan il-każ ir-riferta kienet pożittiva fl-erba' notifiki li saru[19], f'notifika minnhom flimkien mal-firma kien hemm in-numru tal-karta ta' identità ta' Karl Bonaci, numru 194571M. Ix-xhud jispjega wkoll li skont l-artikolu 66(3)(ċ) tal-Kap. 406, avviż notifikat lir-rappreżentant fil-kariga tiegħu ta' rappreżentant taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att jitqies magħmul lill-persuna li huwa jkun rappreżentant tagħha. Clayton Tabone esebixxa l-erba' kopji tan-Nota ta' Talba għall-Ħlas mibgħutin fl-imsemmija indirizzi[20], lis-soċjetà rikorrenti f'żewġ indirizzi minnhom u lir-rikorrent fiż-żewġ indirizzi l-oħra, f'liema Nota jingħad:

> *"Dear Director/s*
>
> *Personally, o.b.o. & in representation of F Media (Operators)*

[15] Eżebita *a fol.* 28 u29 tal-proċess nru 553/16/1LM.
[16] Estratt mir-Reġistru tal-Kumpanniji *a fol.* 30 tal-proċess nru 553/16/1LM.
[17] Estratt mill-*common database system - Department of Civil Registration a fol.* 31 tal-proċess 553/16/1LM.
[18] Estratt *a fol.* 32 tal-proċess nru 553/16/1LM.
[19] Ara *fol.* 33 u 34 tal-proċess nru 553/16/1LM.
[20] *A fol.* 35 sa 38 tal-proċess nru 553/16/1LM.

*According to the Department's records, the above-mentioned VAT number has a tax balance of €138,943.36 in respect of Value Added Tax Act (1998) (vide Statement of Taxpayer's Account attached[21])*

*You are being requested to pay this amount* ***__within 5 days__*** *from receipt of this letter.*

*If payment is not effected, legal proceedings may be initiated against the company and the director/s personally, in order to recoup these funds. It is therefore in your interest to effect payment in order to avoid legal proceedings.*

*Professional and legal fees incurred will have to be paid by you.*

*This notice is also being issued in terms of Article 59 of Chapter 406 of the Laws of Malta.*

*When effecting payment, you are requested to inform Collection Section on (+356) 22799402.*

*Yours sincerely*

*Clayton Tabone*

*Commissioner for Revenue."*

Joseph Attard jispjega kif il-ħlas li sar mir-rikorrenti wara li kienu notifikati bl-ittra uffiċjali kien tal-ammonti dikjarati, biex dakinhar li kien qiegħed jixhed dan ix-xhud kien għad fadal bilanċ dovut ta' €93,942.84. Ix-xhud jgħid li r-rikorrenti kienu ilhom jafu bil-pendenzi li kellhom mad-Dipartiment, tant hu hekk li Karl Bonaci bħala l-uniku direttur tas-soċjetà rikorrenti kien appella quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fl-2011, mill-imgħax u mill-penali amministrattivi.[22] Iżda b'ittra datata 18 ta' Jannar, 2012[23] l-appell kien ġie irtirat. Ix-xhud ikkonferma li sad-data meta kien qiegħed

[21] Ukoll eżebiti minn Dunstan Magro – kopja ta' dik esebita mir-rikorrent *a fol.* 24 tal-proċess 553/16LM u *a fol.* 28 tal-proċess nru 553/16LM.

[22] Esebita il-formola tal-appell skont regolament 13(1) – referenza ta' kwistjoni lill-Bord minn persuna li mhix il-Kummissarju (artikolu 44) *a fol.* 39 u 40 tal-proċess nru 533/16/1LM, flimkien mal-ittra tal-appell *a fol.* 41 u 42 tal-proċess nru 533/16/LM fejn l-ammont dovut hemm kien għadu €47,910.44 u r-rikorrent fl-ittra tal-appell kien qed jikkontendi li l-i*statement* ma kienx maħruġ korrettement, li kien hemm ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali u li b'dan l-i*statement* maħruġ taħt l-artikolu 59(2) kien qed jiġi miksur id-dritt tiegħu u tal-bord tad-diretturi għal smigħ xieraq.

[23] *A fol.* 43 tal-proċess nru 533/16/1LM.

jixhed kien għad hemm numru ta' denunzji li kienu għadhom ma sarux mir-rikorrent Karl Bonaci.

In kontroeżami Joseph Attard ikkonferma[24] li l-ittra uffiċjali li intbagħtet kienet tagħmel riferiment għall-ammont oriġinali ta' €138,943.36.[25] Għar-rigward tal-appell li r-rikorrent kien intavola quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fl-2011, ikkonferma li dan ma kienx dwar il-bilanċ attwalment pendenti, iżda qal li dan kien juri li r-rikorrent kien jaf li seta' jappella. Kwantu għall-bilanċ attwali, ix-xhud jikkonferma li r-rikorrent ma kienx appella, iżda din kienet xelta tiegħu u mhux għax l-intimat ma kienx ħallieh jappella.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Tqis fl-ewwel lok l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimat Kummissarju fir-rigwrard tal-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni li jistatwixxi illi:

> "Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."

Illi l-Kummissarju intimat qiegħed jeċċepixxi illi l-Qorti għandha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha *stante* li rikorrenti ddeċidew li jirrikorru għal din il-proċedura stroardinarja meta dawn kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom rimedji ordinarji biex iħarsu d-drittijiet vantati

[24] *A fol.* 48 sa 50 tal-proċess nru 533/16/1LM.
[25] *A fol.* 23 tal-proċess nru 533/16LM.

minnhom. Minħabba n-natura perentorja ta' din l-eċċezzjoni l-Qorti ser tittratta lilha qabel kull ħaġa oħra.

Illi mill-provi sottomessi jirriżulta illi r-rikorrenti naqsu milli jappellaw quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għalkemm ir-rikorrent kien jaf ben tajjeb bil-proċedura msemmija stante li kien irrikorra għaliha preċedentement u oltre dan kien għad hemm ukoll pendenti l-proċeduri 553/2016LM, li minnhom seta' wkoll eventwalment isir appell.

Dan il-punt ġiet eżaminat fis-sentenza fl-ismijiet **Dr Mario Vella *vs.* Joseph Bannister *noe***[26] fejn, wara li elenkat għadd ta' sentenzi preċedenti, l-Qorti Kostituzzjonali ppronunzjat ruħha kif ġej:

> "Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim'Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali;
>
> a. Meta hu ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;
>
> b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' illegalità jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalità tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.
>
> ċ. Kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;
>
> d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandhiex teżerċita l-

[26] Q.K., 07.03.1994.

ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx però jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;

e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk però dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ.

f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni."

F'sentenza sussegwenti fl-ismijiet **Philip Spiteri *vs.* Sammy Meilaq**[27] intqal ukoll li:

"meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f'xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Mario Borg *vs.* L-Onorevoli Prim Ministru *et***[28] l-Qorti osservat b'riferiment għal dak imsemmi fis-sentenza preċedenti:

"li jkun sewwa li mal-kelma 'komplessa' jiżdied il-kliem 'jew inkella mħallta.'"

Fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony P. Farrugia *vs.* L-Onorevoli Prim Ministru *et***[29] intqal:

"Illi meta jissemma li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, irid jintwera li dan ikun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies

[27] Q.K., 08.03.1994.
[28] P.A. (Sede Kost.), 28.11.2014.
[29] P.A. (Sede Kost.), 17.11.2011.

> bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi. L-eżistenza li tassew ikun (jew kien) hemm rimedju alternattiv xieraq trid tintwera mill-intimat li fuqu jaqa' l-piż tal-prova biex jikkonvinċi lil din il-Qorti biex tagħżel li ma teżerċitax is-setgħat tagħha biex tisma' l-kawża;
>
> Illi huwa fatt ukoll li, minkejja li jista' jkun minnu li l-parti rikorrenti seta' kellha għad-dispożizzjoni tagħha rimedju "ordinarju", din il-Qorti xorta waħda jibqagħlha dejjem id-diskrezzjoni li tagħżel li tibqa' tisma' l-kawża. L-eżistenza ta' "rimedju ordinarju" ma torbotx idejn din il-Qorti milli tkompli tisma' kawża kostituzzjoniali mressqa quddiemha. Id-diskrezzjoni li tuża trid tkun waħda prudenti u fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Normalment, din id-diskrezzjoni tintuża meta r-rikorrent ikun jidher li tassew għandu disponibbli għalih rimedju li, kieku użat kif imiss, jista' jagħtih il-ħarsien tal-jedd li f'kawża bħal din jgħid li qiegħed iġarrab ksur tiegħu ;
>
> Illi meta l-Qorti tiġi biex tapplika l-prinċipji hawn fuq imfissra għall-każ li għandha quddiemha ssib li ma ngħatatx raġunijiet tajbin biżżejjed biex tagħżel li ma twettaqx is-setgħat speċjali tagħha fil-kompetenza kostituzzjonali jew konvenzjonali tagħha u lanqas li jekk kemm-il darba r-rikorrent tassew appella mis-sentenzi mogħtijin kontrih mill-Qorti tal-Maġistrati, dan kien sejjer jistħarreġ l-ilmenti kollha (u wisq anqas jagħtih rimedju effettiv) li huwa ressaq fir-rikors promotur tiegħu."

Illi tenut kont ta' dawn il-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza tagħna, din il-Qorti ma jidhirlhiex li għandha tiddeklina milli tkompli tisma' din il-kawża, għax f'appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva xorta ma kinux ser jiġu ttrattati l-lanzjanzi kostituzzjonali mertu ta' dawn il-proċeduri.

Tqis kwantu għall-mertu tal-proċeduri odjerni li r-rikorrenti qegħdin jikkontendu li l-imgħax impost fuq is-soċjetà rikorrenti kien effettivament imgħax punittiv u kellu jitqies bħala *"criminal charge"* u għalhekk kellu jiġi

garantit smigħ xieraq ai termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni (Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta) li jgħid li:

> "(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali
>
> (2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.
>
> (3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:
>
> (a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;
>
> (b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;
>
> (ċ) li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;
>
> (d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;
>
> (e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti."

Ir-rikorrenti jsostnu li dan is-smigħ xieraq kellu jkun garantit qabel u mhux wara li ġew imposti l-imgħaxijiet punittivi u li l-Kummissarju intimat kellu joħroġ stima vera u proprja li twassal għall-appell taħt l-artikolu 43 tal-Kap. 406.

Illi r-rikorrenti ċċitaw in sostenn tat-teżi tagħhom s-sentenza suċċitata fl-ismijiet **Anthony P. Farrugia *vs.* L-Onorevoli Prim Ministru *et***[30] fejn intqal:

> "42. Din il-Qorti, fir-rigward, tagħmel referenza għall-konsiderazzjonijiet magħmula minnha fl-eżami tat-tielet aggravju tal-konvenuti b'referenza għad-dritt fundamentali tan-*ne bis in idem* protett bl-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni u, abbażi tal-istess konsiderazzjonijiet, tikkonsidra dan l-ewwel aggravju tal-attur bħala fondat in kwantu l-akkuża tal-fatt jew tal-għemil li hu soġġett għal multi amministrattivi inġenti u l-imgħaxijiet relattivi tikkwalifika bħala *criminal charge,* bir-riżultat li l-proċeduri kriminali ġudizzjarji għall-istess nuqqasijiet u għall-istess perijodi huma vjolattivi tal-artikolu fuq ċitat."

Illi r-*ratio* ta' din is-sentenza però kien li huma l-'multi amministrattivi inġenti u l-imgħaxijiet relattivi' li jikkwalifikaw bħala *criminal charge* imma mhux multi amministrattivi raġonevoli u mgħaxijiet relattivi raġonevoli. Tant hu hekk li fis-sentenza tal-prim' istanza kien intqal is-segwenti:

> "Illi fis-sewwa jrid jingħad li, fit-trattazzjoni ulterjuri li għamel huwa nnifsu quddiem il-Qorti biex jirribatti l-argumenti tal-intimati, ir-rikorrent seħaq li l-ksur li huwa ġarrab għall-jedd tiegħu ta' smigħ xieraq jikkonsisti fil-fatt li l-pieni jibdew jgħaddu minnufih bla ma jkun hemm smigħ quddiem Qorti li tiddetermina dan u li l-imgħaxijiet jibdew jinġemgħu mill-ewwel;

[30] Q.K., 08.05.2017.

Illi dwar dan, il-Qorti tgħid li l-impożizzjoni ta' penali amministrattivi jew it-tħaddim ta' mgħaxijiet fuq obbligi fiskali (b'distinzjoni minn proċeduri mnedija għall-kundanna u l-ħlas tagħhom) ma humiex 'proċedimenti' li dwarhom wieħed jasal biex iqis kwestjonijiet tad-'determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili'. Għalhekk, għalkemm il-Qorti tifhem l-argument tar-rikorrent, ma tarax kif dan fih innifsu jġib ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Wara kollox intwera mill-provi li bosta mis-sanzjonijiet amministrattivi imposti mil-liġi jitħassru jew jitwaqqfu għal kollox hekk kif it-'*tax payer*' jottempera ruħu ma' dak li titlob il-liġi u ma jibqax moruż fl-obbligi tiegħu.[31] Minbarra dan, il-liġi nnifisha tagħti jedd ta' aċċess lil tribunal lil kull min irid jikkontesta xi penali amministrattiva imposta fuqu għal xi nuqqas;

Illi minħabba f'dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti mhijiex sejra tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u lanqas dik il-parti tat-tieni talba li tirrigwarda l-jedd għal smigħ xieraq;

Illi kien biss meta ġie ttrattat il-prinċipju tan-*"ne bis in idem"* fejn il-Qorti kkunsidrat l-element tal-penali kriminali, iżda kkonkludiet li ma kienx hemm ksur tad-dritt għal smigħ xieraq:

"Illi safejn l-ilment tar-rikorrent jirrigwarda l-imgħaxijiet u l-penali amministrattivi, il-Qorti tqis li huwa aċċettat li, sakemm il-penali amminstrattiva ma tkunx tikkostitwixxi sanzjoni penali, ma hemm xejn li jżomm milli dwar fatti jew omissjonijiet marbuta ma' obbligi mad-dikjarazzjoni jew denunzja ta' taxxi, l-Istat jimponi flimkien sanzjonijiet amministrattivi u pieni għal reati.[32] Madankollu, fejn il-penali amministrattivi jkunu hekk ħarxa jew qawwija li jġibu magħhom effetti ta' kastig u mhux biss effett ta' deterrent, allura ma jistax jibqa' jingħad li dawk il-penali ma jkunux saru 'kastig kriminali'. F'dak il-każ, jidħlu fis-seħħ kemm il-jedd ta' smigħ xieraq u kif ukoll il-prinċipju tan-*ne bis in idem* fir-rigward ta' xi proċedimenti li jinbdew flimkien jew wara l-impożizzjoni ta' dawk il-penali[33];

Illi mill-provi li tressqu quddiem il-Qorti ħareġ li, kemm fir-rigward tal-imgħaxijiet u kif ukoll fir-rigward tal-penali amministrattivi

[31] Fuq dan il-punt is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ma qablitx mas-sentenza tal-prim' istanza.
[32] Ara, b'mod partikolari QĠE (AM), 26.2.2013, fil-kawża fl-ismijiet **Aklagaren *vs.* Hans Akerberg Fransson** (C617-10) § 50.
[33] Q.K., 29.05.2015, fil-kawża fl-ismijiet **Anġlu Zahra *vs.* Il-Prim Ministru *et*.**

(partikolarment ix-'*short-payment penalty*') li minnhom jilmenta r-rikorrent, it-tħaddim tagħhom huwa stabbilit mil-liġi u jiddependi wkoll fuq id-diskrezzjoni tad-Direttur-Ġenerali intimat. Dan jingħad għaliex, fejn it-*tax payer* jottempera ruħu ma' dak li titlob minnu l-liġi, il-penali amministrattivi jistgħu jitħassru għal kollox jew jinħafru. Dan ifisser li l-effett tal-imsemmija miżuri huwa dak ta' deterrent u mhux ta' piena jew kastig kriminali;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll fir-rigward biss tat-teħid kontrih tat-tieni proċedimenti, imma ma ssibx li ġarrab ksur tal-istess jedd tiegħu fir-rigward tal-impożizzjoni tal-imgħaxijiet jew tal-penali amministrattivi (ix-'*short-payment penalty*');

Illi għar-rigward tad-dritt għat-tgawdija tal-proprjetà, fl-imsemmija sentenza ngħad li:

"Illi, fil-parti rilevanti tiegħu, l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li:

"(1) Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda interess fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta jkun hemm dispożizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist .. .. .. . (2) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta' xi liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà – (a) bi ħlas ta' xi taxxa, rata jew drittijiet; (b) bħala penali għal, jew bħala konsegwenza ta', ksur tal-liġi, sew jekk bi proċeduri ċivili jew wara dikjarazzjoni ta' ħtija ta' reat kriminali; .. .. .. (ħ) fl-eżekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' qrati";

Illi dawn id-dispożizzjonijiet jagħmluha ċara li l-provvedimenti tal-artiklu tal-Kostituzzjoni jitkellmu dwar it-teħid ta' pussess b'mod obbligatorju u mhux dwar xi għamla oħra ta' tnaqqis tal-istess pussess. Kif ingħad f'dan ir-rigward u bi tqabbil mal-ħarsien li jagħti l-artikolu relattiv taħt il-Konvenzjoni, dan ifisser li biex ikun hemm tneħħija jew privazzjoni tal-proprjetà jeħtieġ jintwera li din tkun seħħet b'effett dirett ta' xi għemil tal-istat u li ma jkunx biżżejjed li jkun hemm indħil jew ċaħda tad-dritt

tat-tgawdija paċifika tal-istess proprjetà bħala rifless ta' għemil bħal dak;[34]

Illi, minbarra dan, il-qafas ta' ċirkostanzi kollha li r-rikorrent isemmi fir-rikors promotur tiegħu jaqgħu fl-ambitu ta' proċeduri meħuda u mibdija taħt liġi li l-għan tagħha huwa sewwasew il-ġbir u l-ħlas ta' taxxa. F'każ bħal dan, u sakemm ma jintweriex li dak li ntalab jew ittieħed mingħand ir-rikorrent ma kienx tassew imħares b'dispożizzjoni ta' liġi, jidħol fis-seħħ dak li jgħid l-artikolu 37(2)*(a)* tal-Kostituzzjoni u għalhekk wieħed ma jistax jitkellem aktar dwar ksur tal-artikolu 37(1). Minbarra dan, hemm ukoll il-konsiderazzjoni li meta wieħed jitkellem dwar ġbir ta' taxxa bħalma hija t-Taxxa dwar il-Valur Miżjud, wieħed ma jkunx qiegħed jitkellem fuq ġid li jaqa' taħt l-isfera tal-kontroll tat-'*tax payer*', iżda ġid (assi) li l-istess '*tax payer*' ikun ġabar jew messu ġabar fl-interess tal-Istat;

Illi meta qieset iċ-ċirkostanzi kollha li joħorġu mill-atti u qabblithom mal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrent ma seħħlux juriha li tassew ġarrab xi ksur ta' l-jedd tiegħu taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;".

Fl-appell mill-imsemmiija sentenza quddiem il-Qorti Kostituzzjonali ntwera li sussegwentement kien hemm bidla fil-liġi, li aċċenna għaliha wkoll l-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, fejn kienet sar il-*capping* tal-penali għall-massimu ta' €250 għal kull nuqqas jew tardività fil-preżentazzjoni tad-denunzji tal-VAT, kif ukoll tnaqqis fuq rati ta' imgħax, bl-ogħla rati ta' 1% kull xahar. Fil-każ imsemmi però wieħed kien qed jitħaddet fuq ammont fejn fuq taxxa dovuta għall-perijodu bejn Settembru 2000 u Frar 2012 li kien jammonta għal €180,124.14, il-multi amministrattivi flimkien mal-imgħax kienu jammontaw komplessivament għal €265,593.20.

[34] Q.K., 30.04.1996 fil-kawża fl-ismijiet **Mintoff *et vs.* Onor. Prim Ministru** (Kollez. Vol: LXXX.i.206) u Q.K., 30.11.2001 fil-kawża fl-ismijiet **Galea *et vs.* Briffa *et*** (Kollez. Vol: LXXXV.i.540)

Mill-provi li ġew imressqa fil-proċeduri odjerni, jirriżulta li lanqas huwa kkontestat mir-rikorrenti, li l-bilanċ dovut mis-soċjetà rikorrenti lill-intimat Kummissarju fit-23 ta' Ġunju, 2017 kien ta' €93,942.84[35], inkluż l-imgħax u l-penali amministrattivi, u dan minħabba n-nuqqas tar-rikorrenti li jissottometti d-denunzji għal numru ta' snin. Id-Dipartiment tal-VAT kien effettivament bagħat l-Avviżi u n-Nota ta' Talba għall-Ħlas għas-somma oriġinali ta' €138,943.36 li kienu ġew notifikati kemm lir-rikorrent u kemm lis-soċjetà rikorrenti. Dan l-ammont kien ġie ridott peress li sussegwentement ir-rikorrenti kienu ppreżentaw d-denunzji għall-perijodu bejn il-01.12.2011 sat-28.02.2014 u l-bilanċ li kien fadal kien fir-rigward tal-perijodi fejn kienu għadhom ma sarux id-denunzji mir-rikorrenti. F'dawn il-proċeduri r-rikorrenti ma taw ebda raġuni valida fil-liġi għalfejn ma kinux qegħdin jippreżentaw id-denunzji skont il-liġi. Filwaqt li l-Qorti tapprezza d-diffikultajiet finanzjarji li seta' kellhom ir-rikorrenti f'dan il-perijodu partikolari, dan però ma jnaqqas xejn mill-obbligi li huma kellhom taħt il-liġi li jħallsu lill-intimat it-taxxa miġbura mingħand il-klijenti tagħhom u li jippreżentaw id-denunzji relattivi biex l-Kummissarju intimat ma jkollux għalfejn jagħmel stimi *ex officio.*

Tqis illi fil-każ odjern kien hemm proporzjonalità effettiva bejn id-dritt tal-Istat li jimponi miżuri preventivi biex is-soċjetà rikorrenti tiddikjara l-VAT miġbura mingħand il-klijenti tagħha u d-dritt fundamentali tal-bniedem għat-tgawdija tal-proprjetà. Fil-Każ fl-ismijiet **Mamidakis *vs.* Greece**[36] kien intqal li:

[35] Ara dokument *a fol.* 27 tal-proċess nru 553/16/1LM li jinkludu taxxa dovuta ta' €81.834.93, imgħax ta' €11,807.91 u penali amministrattivi ta' €300. L-ammont ta' taxxa żdied mill-ammont imsemmi fl-i*statement* preċedenti minħabba li żdiedu perijodi oħrajn fejn ma kinitx saret denunzja mir-rikorrenti.

[36] European Court of Human Rights, Information Note on the Court's case-law No: 93, January, 2007, No. 35533/04, Judgment 11.1.2007 [Section I].

> *"The impugned fine constituted interference with the right guaranteed by the first paragraph of Article 1 of Protocol No. 1, because it had deprived the applicant of a possession, namely the amount that he was required to pay. That interference was justified in accordance with the second paragraph of that Article, which expressly provided for a derogation where the payment of taxes or other contributions or penalties was concerned. However, that principle had to be interpreted in the light of the general principle referred to in the first sentence of the first paragraph and there thus had to be a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised. Accordingly, the financial obligation arising from the payment of a fine was capable of impairing the guarantee enshrined in that provision if it imposed an excessive burden on the person concerned or fundamentally affected his financial situation. In the present case the impugned interference had been in conformity with domestic legislation and satisfied the demands of the general interest, namely the punishment of smuggling. As to the requirement of proportionality between the interference with the applicant's right and the general-interest aim pursued, the fine imposed had been extremely high. In those circumstances, even taking into account the margin of appreciation enjoyed by contracting States in such matters, the imposition of the fine in question had dealt such a blow to the applicant's financial situation that it amounted to a disproportionate measure in relation to the legitimate aim pursued".*

Fil-Każ fl-ismijiet **Gasus Dosier *vs.* The Netherlands**[37] il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, filwaqt li affermat il-prinċipju li l-iStati Membri għandhom marġini wiegħsa ta' apprezzament dwar il-miżuri addottati mill-awtoritajiet tat-taxxa fil-liġi domestika, xorta waħda saħqet illi dawn il-miżuri għandhom jikkonformaw mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Hija rilevanti l-osservazzjoni magħmula minn dik il-Qorti fir-rigward tal-miżuri addottati mill-iStati Membri għall-ġbir u infurzar tat-taxxi:

[37] App.15375/89, 23.02.1995.

> *"66. Consequently a legislature may in principle resort to that device[38] to ensure, in the general interest, that taxation yields as much as possible and that tax debts are recovered as expeditiously as possible. Nonetheless, it cannot be overlooked that, quite apart from the dangers of abuse, the character of legislation by which State creates such powers for itself is not the same as that of legislation granting similar powers to narrowly defined categories of private creditors. Consequently, further examination of the issue of proportionality is necessary in this case"*.

Tqis illi fil-każ odjern ma teżistix tali disproporzjonalità. Il-lanjanzi tar-rikorrenti mhumiex dwar l-istimi *ex officio* li kellu jirrikorri għalihom l-Kummissarju intimat fin-nuqqas tar-rikorrenti li jippreżentaw id-denunzji kif kienu obbligati jagħmlu skont il-liġi, imma inizjalment ir-rikorrenti kienu qegħdin jilmentaw fir-rigward tal-multi amministrattivi u l-imgħaxijiet, u sussegwentement jidher li baqgħu jilmentaw biss fir-rigward tal-imgħaxijiet. Isegwi wkoll li f'dan il-każ l-imsemmija imgħaxijiet ma jistgħux jitqiesu li huma ta' indoli kriminali u l-prinċipju ta' smigħ xieraq fil-każ ta' drittijiet ċivili għandu japplika wkoll. B'dan iżda mill-provi jirriżulta li kienu r-rikorrenti li ddeċidew li ma jirrikorrux għar-rimedji disponibbli għalihom skont il-liġi billi ddeċidew li ma jappellawx quddiem it-Tribunal għal Reviżjoni Amministrattiva. Mill-provi ma jirriżultax li r-rikorrenti ma ngħatawx l-opportunità ta' smigħ xieraq u kien b'għażla tagħhom li ma rrikorrewx għal dan id-dritt fit-terminu mogħti mil-liġi kif *del resto* jirriżulta mill-provi li kienu diġà għamlu r-rikorrenti preċedentement. Illi għalhekk il-Qorti ma tistax ħlief tasal għall-konklużjoni li ma kien hemm ebda leżjoni tad-drittijiet kostituzzjonali jew konvenzjonali tar-rikorrenti la għar-rigward tad-dritt għal smigħ xieraq u lanqas għar-rigward tad-dritt tal-godiment tal-proprjetà.

[38] Miżuri ta' impożizzjoni ta' taxi.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiddikjara illi mill-provi sottomessi ma jirriżultax li fil-qafas legali kif inhu llum, la l-artikolu 59 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta u lanqas bl-azzjonijiet li ħa l-Kummissarju intimat, kien hemm xi leżjoni għad-drittijiet tar-rikorrenti kif protetti bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni għar-rigward tad-dritt tal-godiment tal-proprjetà u bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni għar-rigward tad-dritt għal smigħ xieraq.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura jitħallsu kollha mir-rikorrenti.**

**Tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tiġi inserita fil-proċess tal-kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Rikors Maħluf Numru 553/2016LM, li ġiet differita pendenti l-eżitu finali ta' dawn il-proċeduri.**

Moqrija.